

IL-QORTI ĠENERALI

Il-metodu ta' nomina tal-Imhalef li jissostitwixxi Mhalef impedit

(2016/C 296/02)

Fit-13 ta' Lulju 2016, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, b'effett mill-20 ta' Settembru 2016, fil-każjiet ta' impediment previsti fit-tieni sentenza tal-Artikolu 17(2) u fit-tieni sentenza tal-Artikolu 24(2) tar-Regoli tal-Proċedura rispettivament, il-President għandu jinnomina lill-Viċi President sabiex jissostitwixxi l-Imhalef impedit.

Fil-każ ta' impediment tal-Viċi President, il-President tal-Qorti Ġenerali għandu jinnomina l-Imhalef li jissostitwixxi l-Imhalef impedit skont l-ordni stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regoli tal-Proċedura, bl-eċċezzjoni tal-Presidenti ta' Awla. Madankollu, sabiex jiġi żgurat tqassim ibbilanċjat tax-xogħol, il-President tal-Qorti Ġenerali jista' jidderoga minn dan l-ordni.

Kompożizzjoni tal-Awla Manja

(2016/C 296/03)

Fit-13 ta' Lulju 2016, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, għall-perijodu bejn l-20 ta' Settembru 2016 u l-31 ta' Awwissu 2019 u konformement mal-Artikolu 15(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-ħmistax-il Imhalef li jiffurmaw l-Awla Manja huma l-President tal-Qorti Ġenerali, il-Viċi President, id-disa' Presidenti ta' Awla, iż-żewġ Imħallfin sedenti fil-kulleġġ ġudikanti bi tliet Imħallfin li lilu kienet ġiet assenjata l-kawża inizjalment u iż-żewġ Imħallfin meħtieġa sabiex jikkompletaw dan il-kulleġġ ġudikanti bi tliet Imħallfin li kieku l-kawża kienet ġiet assenjata lil awla komposta minn ħames Imħallfin.

Kriterji ta' assenjazzjoni tal-kawżi lill-awli

(2016/C 296/04)

Waqt il-Konferenza Plenarja tagħha tal-11 ta' Mejju 2016, il-Qorti Ġenerali, konformement mal-Artikolu 25 tar-Regoli tal-Proċedura, stabbilixxiet il-kriterji għall-assenjazzjoni tal-kawżi lill-awli kif ġej:

1. L-appelli mid-deċiżjonijiet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku għandhom jiġu assenjati mill-iktar fis possibbli wara l-preżentata tar-rikors, bla ħsara għal applikazzjoni sussegwenti tal-Artikolu 28 tar-Regoli tal-Proċedura, lill-Awla tal-Appell komposta mill-membri ta' din l-awla li ser ikunu għadhom jokkupaw il-kariga tagħhom wara d-19 ta' Settembru 2016, irrispettivament mill-funzjoni tagħhom ta' President, ta' Viċi President jew ta' President ta' Awla.
2. Il-kawżi għajr dawk previsti fil-paragrafu 1 għandhom jiġu assenjati mill-iktar fis possibbli wara l-preżentata tar-rikors, bla ħsara għal applikazzjoni sussegwenti tal-Artikolu 28 tar-Regoli tal-Proċedura, lill-awli komposti minn tliet Imħallfin.

Il-kawżi previsti f'dan il-paragrafu għandhom jitqassmu bejn l-awli skont sistema ta' rotazzjoni ta' erba' kategoriji distinti stabbiliti abbażi tal-ordni ta' reġistrazzjoni tal-kawżi fir-Reġistru:

— għall-kawżi li jirrigwardaw l-implementazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni applikabbli għall-impriżi, tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u tar-regoli dwar il-miżuri ta' difiża kummerċjali;